3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent

— Ir-rikorrent isostni, fl-ewwel lok, li peress li d-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati huma nieqsa minn motivazzjoni, huma jiksru d-drittijiet tad-difiża tiegħu. Fit-tieni lok, l-illegalità tad-deċiżjonijiet u tar-regolamenti kkontestati taffettwa l-proċedura preżenti peress li, minn naħa, hija xxekkel il-possibbiltà għar-rikorrenti li jippreżenta difiża u, min-naħa l-oħra, tillimita l-kapaċità tal-Qorti Ġenerali li tistħarreġ il-legalità tad-deċiżjonijiet u tar-regolamenti kkontestati. Minn dan isegwi li d-dritt tar-rikorrent għal stħarriġ ġudizzjarju effettiv huwa miksur. Fit-tielet lok, peress li r-rikorrent ġie mċaħħad mid-drittijiet tad-difiża tiegħu u peress li l-Qorti tal-Ġustizzja hija mxekkla fl-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet u tar-regolamenti kkontestati fil-qasam tal-iffriżar tal-fondi – li min-natura tagħhom stess huma "partikolarment oppressivi" –, ġiet imposta fuq ir-rikorrent restrizzjoni mhux iġġustifikata tad-dritt tiegħu għall-proprjetà.

4. Ir-raba' motiv ibbażat fuq l-assenza ta' provi kontra r-rikorrent

— Ir-rikorrent isostni li l-Kunsill ma pproduċiex il-provi u l-informazzjoni li huwa kien invoka meta huwa adotta d-deċiżjonijiet u r-regolamenti kkontestati.

5. Il-ħames motiv ibbażat fuq l-ineżattezza tal-fatti

— Ir-rikorrent isostni li kuntrarjament għal dak li huwa indikat fid-deċiżjonijiet u fir-regolamenti kkontestati, ir-rikorrent ma kienx għadu viċi President tal-Organizzazzjoni [Iranjana] tal-Enerġija Atomika fid-dati rispettivi tal-inklużjoni tiegħu fost il-persuni u l-entitajiet li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzzjoni tal-miżuri restrittivi. Għaldaqstant, il-Kunsill wettaq żball ta' fatt meta inkluda lir-rikorrent fil-lista minħabba r-raġuni biss li fid-data tad-diversi deċiżjonijiet u regolamenti kkontestati, huwa kien il-viċi President tal-Organizzazzjoni tal-Enerġija Atomika.

6. Is-sitt motiv ibbażat fuq żball ta' liġi

— Ir-rikorrent isostni li l-Artikolu 20(b) ma huwiex intiż li japplika, *per se*, għall-persuni fiżiċi li jeżerċitaw funzjonijiet maniġerjali f'entità li tinsab fil-lista tal-Anness VIII. Barra minn hekk, l-Artikolu 20(b) jipprevedi l-inklużjoni fil-lista tal-persuni fiżiċi *"li jipparteċipaw, huma assoċjati b'mod dirett jew jagħtu sostenn lill-attivitajiet nukleari tal-Iran li jikkawżaw riskju ta' proliferazzjoni"*. Billi inkluda lir-rikorrent fil-lista tal-Anness II mingħajr ma pproduċa l-inqas prova li r-rikorrent kien ta sostenn attiv u effettiv lill-attivitajiet nukleari Iranjani fil-mument tal-imsemmija inklużjoni, il-Kunsill wettaq żball ta' liġi.

7. Is-seba' motiv ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni tal-fatti u fuq il-ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

— Ir-rikorrent isostni li f'dan il-każ, ebda għan ta' interess ġenerali ma jista' jiġġustifika li miżuri tant ħorox jiġu imposti fuq persuni fiżiċi li eżerċitaw, anki għal perijodu qasir, funzjoni maniġerjali fi ħdan l-Organizzazzjoni Iranjana tal-Enerġija Atomika (AEOI). Barra minn hekk, anki li kieku l-miżuri kellhom jitqiesu bħala ġġustifikati minn għan ta' interess ġenerali, fi kwalunkwe każ huma jkunu suxxettibbli għal kritika mill-perspettiva tal-osservanza tar-relazzjoni raġonevoli ta' proporzjonalità bejn il-mezzi użati u l-għan li għandu jintlaħaq.

Rikors ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2014 – UNIC vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-338/14)

(2014/C 212/53)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

Partijiet

Rikorrenti: Unione Nazionale Industria Conciaria (UNIC) (Milano, l-Italja) (rappreżentanti: A. Fratini, avukat, M. Bottino, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

— tilqa' r-rikors u għaldaqstant tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Dan ir-rikors huwa dirett kontra d-deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea, tad-19 ta' Marzu 2014, li jiċħad it-talba sabiex tinbeda l-proċedura ta' rtirar tal-arranġamenti tariffarji preferenzjali mogħtija lill-Indja, lill-Pakistan u lill-Etjopja għall-ġlud mhux maħduma u nofshom maħduma skont it-Taqsimiet S-8a, S-8b u S-12a tar-Regolament (UE) Nru 978/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-25 ta' Ottubru 2012, li japplika skema ta' preferenzi tariffarji ġeneralizzati u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 732/2008 (ĠU L 303, p. 1).

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 296 TFUE u tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li d-deċiżjoni kkontestata ma tosservax l-obbligu ta' motivazzjoni ċara, preċiża u inekwivoka, kif interpretat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja.

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball manifest ta' evalwazzjoni.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li sar żball manifest ta' evalwazzjoni f'dak li jirrigwarda kemm l-adegwatezza tal-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali b'risposta għall-problema ta' provvista tal-materja prima kif ukoll l-eżistenza tal-kundizzjonijiet għall-irtirar temporanju tal-arranġamenti preferenzjali ġenerali mogħtija lill-Indja, lill-Etjopja u lill-Pakistan, fis-sens tal-Artikolu 19(1)(d) tal-imsemmi regolament.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq ksur tad-dritt għal amministrazzjoni tajba previst fl-Artikolu 41(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

   — F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni li kien hemm nuqqas ta' verifika jekk ġewx sodisfatti l-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 19(1)(d) tal-imsemmi regolament sabiex tinbeda l-proċedura ta' rtirar tal-preferenzi tariffarji.

Appell ippreżentat fid-19 ta' Mejju 2014 minn CR mis-sentenza mogħtija fit-12 ta' Marzu 2014 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-128/12, CR vs Il-Parlament

(Kawża T-342/14 P)

(2014/C 212/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: CR (Malling, Franza) (rappreżentant: A. Salerno, avukat)

Appellati: Il-Parlament Ewropew u Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet tal-appellanti

— tannulla s-sentenza tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tat-12 ta' Marzu 2014;

— tiddeċiedi hija stess it-tilwima tiegħu mal-Parlament Ewropew, billi tannulla d-deċiżjoni li huwa kkontesta quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku, sa fejn din timponi fuqu r-rimbors tas-somom kollha li huwa rċieva indebitament bħala allowances tal-familja; jew

— sussidjarjament tibgħat lura l-kawża quddiem it-Tribunal għas-Servizz Pubbliku;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż kollha taż-żewġ proċeduri.

Aggravji u argumenti prinċipali

L-appellant jikkontesta iċ-ċaħda tal-eċċezzjoni ta' illegalità kontra l-aħħar sentenza tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 85 tar-Regolamenti tal-Persunal. Insostenn tal-appell, l-appellant jinvoka żewġ aggravji.

1. L-ewwel aggravju bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' ċertezza legali.